# Espressjoni t'Interess għal Produzzjonijiet Teatrali Ispirati minn Kotba waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026

**Linji Gwida u Regolamenti**

**2026**

**LINJI GWIDA GĦALL-APPLIKANTI**

## 1. Ħarsa Ġenerali

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) jistieden kumpaniji teatrali, għaqdiet kollettivi u prattikanti indipendenti biex jissottomettu applikazzjonijiet għal produzzjonijiet teatrali ispirati minn kotba ppubblikati sabiex jiffurmaw parti mill-programm teatrali tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2026.

Il-produzzjonijiet magħżula se jikkontribwixxu għal programm ikkurat li jiċċelebra r-relazzjoni bejn il-letteratura u l-arti viżiva, billi jinvolvi lill-udjenzi permezz ta' interpretazzjoni teatrali ta' xogħlijiet letterarji li jkunu aċċessibbli u ta' kwalità.

Din l-Espressjoni ta' Interess hija maħsuba għal produzzjonijiet li diġà huma żviluppati u lesti biex jittellgħu.

**Tnedija tal-applikazzjonijiet:** 8 ta' April 2026
**Skadenza tal-applikazzjonijiet:** 20 ta' Mejju 2026
**Tħabbira tar-riżultati:** Fil-ġimgħa li tibda fl-1 ta' Ġunju 2026

## 2. Dettalji tal-Festival

- **Avveniment:** Festival Nazzjonali tal-Ktieb
- **Post:** MFCC, Ta' Qali
- **Dati tal-Festival:** 4 – 8 ta' Novembru 2026
- **Ħinijiet tal-ftuħ tal-Festival (ivarjaw kif indikati hawn taħt):**

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 4 ta' Novembru | 09:00–21:00 |
| Il-Ħamis 5 ta' Novembru | 09:00–13:00; 17:00–21:00 |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Novembru | 09:00–13:00; 17:00–21:00 |
| Is-Sibt 7 ta' Novembru | 09:00–21:00 |
| Il-Ħadd 8 ta' Novembru | 09:00–20:00 |

L-attivitajiet huma bla ħlas għall-viżitaturi, iżda l-post irid jiġi rriżervat permezz ta' sistema mħaddma mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

## 3. Eliġibbiltà

L-applikanti għandhom ikunu; ċittadini Maltin; jew ikollhom permess ta' residenza Maltija;jew ċertifikat taċ-ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

Applikanti eliġibbli jistgħu jkunu:

- Prattikanti individwali
- Entitajiet irreġistrati mal-Reġistru tan-Negozju ta' Malta
- Gruppi, għaqdiet kollettivi u konsorzji
- Organizzazzjonijiet volontarji irreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji

## 4. Kompetenzi Artistiċi

Il-produzzjonijiet għandhom:

- Ikunu ispirati b'mod ċar minn ktieb ippubblikat b'ISBN Malti (inkludi in-numru tal-ISBN tal-pubblikazzjoni).
- Ikunu adattati biex jittellgħu f'ambjent ta' festival.
- Ikunu addattati għal tfal u żgħażagħ sa 16-il sena (jekk jogħġbok indika l-età addattata fl-applikazzjoni)

## 5. Rekwiżiti Tekniċi u ta' Produzzjoni

It-tagħmir tekniku jiġi pprovdut mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

L-applikanti għandhom jissottomettu dokument bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (rider) li jinkludi:

### Ħoss

- Numru u tip ta' mikrofoni meħtieġa
- Rekwiżiti ta' playback
- Rekwiżiti għal mużika live (jekk applikabbli)

### Dawl

- Rekwiżiti bażiċi tad-dawl
- Light plot fejn applikabbli

**Viżwali**

- Ħtiġijiet ta’ projezzjoni (jekk applikabbli)

**Rekwiżiti tal-palk**

- Metri kwadri (sqm) meħtieġa
- Ħin meħtieġ għall-armar
- Ħin meħtieġ għaż-żarmar

**Backstage**

- Ħtiġijiet għal dressing room/s
- Ħtiġijiet ta’ post fejn jinżamm il-materjal
- Persunal tekniku meħtieġ

**Props u kostumi**
Il-KNK se jkopri l-ispiża tal-produzzjoni bħala pakkett sħiħ. Il-props u l-kostumi kollha għandhom jiġu pprovduti mill-applikant.

### 6. Rekwiżiti ta’ Skedar

L-applikanti għandhom jispeċifikaw:

- It-tul tal-produzzjoni
- In-numru ta’ produzzjonijiet kuljum (skont id-disponibbiltà)
- L-ammont massimu ta’ ripetizzjonijiet kuljum
- Rekord ta’ fejn ittellgħet il-produzzjoni (dati u postijiet)
- Id-data u l-post tal-aħħar wirja

Jista’ jagħti l-każ li l-forma tal-Festival tippermetti li jsiru ripetizzjonijiet tal-istess produzzjoni mifruxin fuq diversi ġranet.

In-numru finali ta’ produzzjonijiet maqbulin huwa fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

### 7. Proposta Finanzjarja

L-applikanti għandhom jipprovdu:

- Spiża għal produzzjoni waħda (eskluża l-VAT u inkluża l-VAT)
- Spiża għal damma ta’ produzzjonijiet (indikata bil-VAT u mingħajr il-VAT)
- Rendikont baġitarju għal kull produzzjoni

- Numru tal-VAT (obbligatorju)

Il-ħlasijiet għandhom ikopru l-produzzjoni kollha (spejjeż artistiċi, spejjeż tekniċi, trasport, materjali, ħinijiet ta’ prova u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-produzzjoni).

Il-KNK mhux se jkopri spejjeż addizzjonali moħbija li ma jkunux indikati fir-rendikont baġitarju ppreżentat bħala parti mill-applikazzjoni.

## 8. Proprjetà Intellettwali u Drittijiet tal-Awtur

L-applikanti għandhom jikkonfermaw li:

- Għandhom id-drittijiet biex jadattaw u jtellgħu x-xogħol letterarju;
- Kisbu l-permess mill-awtur, pubblikatur jew sid id-drittijiet fejn meħtieġ;
- Il-produzzjoni ma tiksirx id-drittijiet tal-awtur ta’ partijiet terzi.

Il-KNK iżomm id-dritt li:

- Jieħu ritratti u jiffilmja l-produzzjonijiet għal skopijiet ta’ dokumentazzjoni u promozzjoni;
- Juża siltiet għal skopijiet ta’ marketing u arkivju

Il-proprjetà intellettwali tal-adattament teatrali tibqa’ tal-applikant.

Il-KNK jirriżerva d-dritt li jitlob bidliet żgħar fit-titli jew fil-format tal-preżentazzjoni fejn ikun meħtieġ, sabiex tinżamm il-koerenza tal-programm.

## 9. Dokumentazzjoni Meħtieġa (ara li għandek kollox)

L-applikanti għandu jkollhom numru tal-VAT attiv (trid tiġi ppreżentata kopja taċ-Ċertifikat Malti ta’ Reġistrazzjoni tal-VAT).

L-applikanti għandhom jissottomettu wkoll:

- Portafoll tal-applikant/kumpanija
- Deskrizzjoni qasira tal-produzzjoni (300 kelma)
- Ritratti u/jew dokumentazzjoni awdjoviżiva tal-produzzjoni (minn dawk li ttellgħu fl-imgħoddi)
- Dokument bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (rider)

- Dikjarazzjoni iffirmata dwar id-drittijiet tal-awtur,li tikkonferma ftehim mal-awtur/pubblikatur jew sid id-drittijiet. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jiżgura li tinkiseb l-approvazzjoni meħtieġa mid-detentur tad-drittijiet tal-pubblikazzjoni oriġinali. Il-KNK iżomm id-dritt li jitlob kopja ta' din id-dokumentazzjoni.
- Konferma jekk hemmx minorenni (taħt it-18-il sena) parti mill-kast. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jiżgura li għandu f'idejh il-formoli ta' kunsens meħtieġa biex atturi taħt l-età jipparteċipaw.

**10. Kriterji ta' Għażla**

Is-sottomissjonijiet se jiġu evalwati skont:

- Il-kwalità artistika
- Ir-rilevanza għal-letteratura
- Il-fattibbiltà fil-kuntest tal-festival
- Il-potenzjal li żżomm lill-udjenza
- Il-vijabbiltà teknika
- Il-valur għall-flus
- Kemm joffru flessibbiltà biex jitpoġġew fil-programm

**11. Proċess ta' Sottomissjoni**

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz ta' Submittable fiż-żmien stipulat, bl-użu tal-formola uffiċjali tal-applikazzjoni, sabiex jitqiesu bħala validi.

Applikazzjonijiet tardivi jew mhux kompluti ma jiġux ikkunsidrati. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jaqra dawn il-linji gwida u jiżgura li d-dokumentazzjoni rilevanti kollha (dokumenti, stampi, eċċ.) tiġi sottomessa bħala parti mill-applikazzjoni.

Il-KNK jista' jitlob informazzjoni addizzjonali qabel ma ssir l-għażla finali.

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB

# Expression of Interest for Theatre Productions Inspired by Books for the Malta Book Festival 2026

**Guidelines and Regulations**

**2026**

**GUIDELINES FOR APPLICANTS**

## 1. Overview

The National Book Council (NBC) invites theatre companies, collectives, and independent practitioners to submit applications for stage productions inspired by published books to form part of the theatre programme of the Malta Book Festival in 2026.

Selected productions will contribute to a curated programme celebrating the relationship between literature and performance, engaging audiences through accessible and quality theatrical interpretation of literary works.

This Expression of Interest is intended for productions that are already fully developed and performance-ready.

- Application launch: 8th April 2026
- Application deadline: 20th May 2026
- Results announcement: Week of 1st June 2026

## 2. Festival Details

- Event: Malta Book Festival
- Location: MFCC Ta' Qali
- Festival dates: 4th – 8th November 2026
- Festival operational hours (various as per the below):

| | | |
|---|---|---|
| Wednesday | 4th November | 09:00-21:00 |
| Thursday | 5th November | 09:00-13:00; 17:00-21:00 |
| Friday | 6th November | 09:00-13:00; 17:00-21:00 |
| Saturday | 7th November | 09:00-21:00 |
| Sunday | 8th November | 09:00-20:00 |

- Events are free of charge for visitors, however booking is required through a system managed by the National Book Council.

## 3. Eligibility

Applicants must be: Maltese citizens, or be in possession of a Maltese residence permit, or of a Maltese citizenship certificate, or of a Maltese passport.

Eligible applicants may be:

- Individual practitioners
- Entities registered with the Malta Business Registry
- Groups, collectives and consortia
- Voluntary Organisations enrolled with the Commissioner for Voluntary Organisations.

## 4. Artistic Scope

Productions must:

- Be clearly inspired by a book published with a Maltese ISBN (include the ISBN number of the publication).
- Be suitable for presentation within a festival environment.
- Be appropriate for children and teens (kindly indicate the appropriate age in the application form).

## 5. Technical and Production Requirements

Technical equipment is provided by the National Book Council.

**Applicants must submit a technical rider including:**

**Sound**

- Number and type of microphones required
- Playback requirements
- Live music requirements (if applicable)

**Lighting**

- Basic lighting requirements
- Light plot where applicable

**Visuals**

- Projection requirements (if applicable)

**Stage Requirements**

- Square metres (sqm) required
- Setup time
- Dismantling time

**Backstage**

- Dressing room requirements
- Storage needs
- Technical personnel required

**Props and Costumes**

NBC shall cover the cost of the productions as complete packages. All props and costumes must be supplied by the applicant.

## 6. Scheduling Requirements

Applicants must specify:

- Duration of performance
- Number of performances per day (based on availability)
- Maximum feasible repeat capacity per day
- Previous performance history of the production (dates and locations)
- Date and location of last performance

Festival programming may require repeat performances across multiple days.

The final number of shows agreed upon are at the discretion of the National Book Council.

## 7. Financial Proposal

Applicants must provide:

- Cost per single performance (excl. VAT and incl. VAT)
- Cost per set of performances (excl. VAT and incl. VAT)
- Budget breakdown for each production.
- VAT number (mandatory)

Fees should cover the totality of the production (artistic fees, technical costs, transportation, materials, rehearsal times and any other production costs).

NBC will not cover additional hidden costs not indicated in the **cost budget breakdown** to be submitted as part of the application.

## 8. Intellectual Property and Copyright

Applicants must confirm:

- They hold the rights to adapt and perform the literary work;
- They have secured permission from the author, publisher, or rights holder where required;
- The production does not infringe third-party copyright.

NBC retains the right to:

- Photograph and film performances for documentation and promotional purposes
- Use excerpts for marketing and archival purposes

The intellectual property of the theatrical adaptation remains with the applicant.

NBC reserves the right to request minor adjustments to titles or presentation format where necessary for programme coherence.

## 9. Documentation Required (submission checklist)

Applicants must hold an active VAT number (A copy of the Maltese VAT Certificate of Registration is requested)

Applicants must also submit:

- Portfolio of applicant/company
- Short description of the production (300 words)

- Photographs and/or video documentation of the production (from past performance)
- Technical rider
- Copyright clearance documentation in the form of a declaration confirming agreement with author/publisher rights holder. It is the applicant's responsibility to ensure that the pertinent copyright clearance is obtained from the author of the original publication. The NBC reserves the right to request a copy of this documentation.
- Confirmation if minors (under 18) are part of the troupe. It is the applicant's responsibility to ensure that the applicable consent forms are in place for child actors to participate

## 10. Selection Criteria

Submissions will be evaluated on:

- Artistic quality
- Relevance to literature
- Feasibility within festival context
- Audience engagement potential
- Technical viability
- Value for money
- Diversity of programming

## 11. Submission Process

- Applications must be submitted via Submittable within the stipulated period, using the official application form, in order to be considered valid.
- Late or incomplete applications will not be considered. It is the applicant's responsibility to read through these guidelines and ensure that all relevant documentation (documents, images, etc.) are submitted as part of the application.
- NBC may request additional information before final selection.